# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 13**

**Avviz numru 1057/97/SM**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Andre Agius u l-istess Andre Agius f'ismu proprju.**

**vs**

**John Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 ta' Mejju ta' l-1997 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata mill-Qorti okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi, in linea ta' danni sofferti mill-attur Andre Agius bhala konsegwenza tal-incident awtomobilistiku li gara fl-24 ta' April, 1996 f'Mdina Road, Zebbug bejn il-vettura AAA-931 u B-0548 misjuqa minnu, u ghal liema incident hu ghandu jigi dikjarat unikament responsabbli**

**minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;**

**2. Illi ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni likwidabbli ma jissuperawx is-somma ta' elf lira;**

**3. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu, 1996 u bl-imghaxijiet mid-data tal-istess ittra;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-14 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici kollha ghandhom jigu michuda stante li ghall-incident de quo kien jahti biss Andre Agius li kien hiereg jirriversja fil-mument tal-incident. Isegwi li ma hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati u mhallsa;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata l-15 ta' Marzu ta' l-1999;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fl-24 t'April ta' l-1996 f'Mdina Road, Haz-Zebbug ghall-habta tal-5.30 p.m.;**

**2. Illi l-vetturi involuti kienu s-segwenti:**

a. **Dik misjuqa minn Andrea Agius, attur, tal-marka Golf bin-numru ta' registrazzjoni AAA-931;**

b. **Dik misjuqa mill-konvenut John Farrugia, tal-marka Seat Ibiza bin-numru B-0548;**

3. **Illi jirrizulta li filwaqt li l-attur Agius kien qieghed wieqaf jistenna li jghaddu l-karozzi biex hu jkun jista' jipprocedi billi jirriversja halli johrog fit-triq, f'daqqa wahda giet il-vettura misjuqa mill-konvenut Farrugia u zzersqet mal-parti ta' wara tal-vettura ta' l-attur;**

4. **Illi d-danni sofferti mill-atturi kagun ta' dan l-incident jammontaw ghas-somma komplessiva ta' sitt mija u disghin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM690.65,0), u jirrizultaw dokumentati skond il-ligi;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fil-versjoni tieghu l-konvenut isostni li hu u miexi fi triqtu hariglu l-attur Agius bir-"reverse";**

**Illi jirrizulta li la kien qed jippretendieh u lanqas ma seta' jevita' l-incident;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi z-zewg sewwieqa involuti jippekkaw f'nuqqas ta' prudenza stante li hu inkombenti fuqhom li ghandhom izommu "proper look out" meta jkunu qed juzaw vetturi fit-triq;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li tiddikjara liz-zewg konducenti ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina u filwaqt li tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' sitt mija u disghin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu, (LM690.65,0), tikkundanna lill-konvenut ihallas nofs din is-somma, senjatament tlett mija u hamsa u erbghin Lira Maltin u tlieta u tletin centezmu, (LM345.33,0), bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi fuq naha u l-konvenut fuq l-ohra.**

Avviz Nru:  1057/97/SM

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**